## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 486/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur C. Sheldon)**

**vs**

**Carmel Farrugia**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Carmel Farrugia , detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 309457M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fl-4 ta' Settembru, 2015 għall-ħabta ta' 6:35hrs u fi ġranet ta' qabel waqt li kien qiegħed fl-inħawi ta' Triq il-Fawwara, Siggiewi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti u cioe' għasfur tal-bejt –

passer hispanioenses-jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħtha; Reg 4 (1) (a) tal-S.L. 504.71.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċa lil xi għasfur minbarra dawk imsemmija/elenkati fit-Taqsima A tal-iskeda II u dan bi ksur ta' L.S. 504.71 reg.5(1)(3).

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat , tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-12 t'Ottubru, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu w kkundannatu għal multa ta' elf Ewro (€1,000), kif ukoll sospensjoni tal-liċenzja għal zmien sentejn (2);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Farrugia ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-26 t'Ottubru, 2015 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti **tħassar** is-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u ħtija, alternattivament tinfliġġi piena aktar miti tenut kont taċ-ċirkostanzi kif imfissra;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegata kacca illegali meta membri tal-Administrative Law Enforcement mill-Korp tal-Pulizija kienu fuq ronda u raw lill-imputat jispara fuq ghasafar tal-bejt u jolqot tnejn minnhom. Fil-process li javvicinawh rawh jerga' jispara ghat-tielet u r-raba' darba fuq ghasafar tal-bejt anke jekk minghajr success sakemm finalment intercettawh;

2. L-appellant jillanja din is-sentenza bi gravami dwar l-apprezzament tal-provi. Fl-ewwel aggravju iressaq l-argument illi l-prosekuzzjoni indikat hazin il-lok fejn allegatament kien qieghed jikkaccja u jaghmel referenza ghall-pjanti minnu esebiti quddiem l-ewwel Qorti biex juri li ma kienx ezattament fi Triq il-Fawwara waqt li qieghed ghal-kacca. Fit-tieni aggravju, l-appellant isostni li x-xiehda permezz tal-affidavit ma hijiex kredibbli billi hija *cut and paste* u dan stante li hemm żball fiż-żewġ affidavits fir-referenza għal pal tal-bajtar għax imniżżla bħala palm tal-bajtar. In oltre, l-Pulizija ma ġabrux provi t'għasfur ferut jew mejjet;

3. Il-provi f'din il-kawza jikkonsistu fl-affidavit ta' zewg ufficcjali tal-Pulizija PS 1116 V Bartolo u PC 130 R. Farrugia Minn dawn jemergi illi waqt ronda ghall-kaċċa illegali filwaqt illi kienu waslu fi Triq il-Fawwara , Siggiewi, precizmanet quddiem Ta' Smina Poultry ġewwa Triq il-Fawwara raw persuna maskili li kien qiegħed għal kaċċa ġewwa d-dura. X'ħin bdew joqorbu lejh rawh jerfa' s-senter u jispara lejn għasafar tal-bejt. Tnejn minn dawn waqgħu ġo pal tal-bajtar biswit id-dura. Huma nnuttaw

wkoll id-duħħan ħiereġ mill-kanna tas-senter waqt li kien sparat l-istess tir. Imxew biċċa oħra u reġgħu rawh jispara lejn għasafar tal-bejt iżda ma laqathomx. Għalkemm għajtulu, huwa ma semahomx u reġa' spara darbtejn oħra iżda ma laqat xejn. Umbagħad huma qabżu ġewwa l-għalqa u hemmhekk induna bihom. Ordnawlu biex jieqaf u biex jagħtihom id-dokumenti meħtieġa. Huwa qalilhom li kien senter ġdid, ma kienx jaf li l-għasafar tal-bejt huma protetti u hu kien qed jipprova s-senter għax ftit qabel kien għamel operazzjoni f'idu u ried jara kif imur. L-għasafar li ntlaqtu ma nstabux għax fil-madwar kien hemm ħafna siġar u pal tal-bajtar. PC 130 jghid li l-ghasafar waqghu f'masgar a differenza tal-PC 1116 li jghid li waqghu fil-pal tal-bajtar;

4. L-appellant qed jistrieh fuq *screen shots* minnu stampati biex juri fejn kien meta intercettat mill-Pulizija. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aggravju huwa wiehed fierah. L-imputazzjoni tallega kacca illegali fl-inhawi ta' Triq il-Fawwara u din hija indikazzjoni sufficjenti fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn ghalqa mhix necessarjament tkun tmiss ma' triq partikolari. Quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant prezenta biss dawn il-pjanti izda ma xehedx dwarhom u ghalhekk ma jistax jallega b'success illi hu kien boghod mill-inhawi fejn indikat il-prosekuzzjoni;

5. Tajjeb osserva l-Avukat Generali meta ccita s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Pulizija vs Clive Vella deċiża fl-14 ta' Jannar, 2013 (Appell Numru 313/2012) fejn dwar dan il-punt kienet rriteniet hekk:

*'.....il-Qrati ilhom jirrepetu li ċ-ċitazzjoni hija avviso a comparire. Fiċ-ċitazzjoni hemm il-fatt bażiku. Dwar jekk l-inċident seħħx ġewwa Pembroke jew Saint Andrew's, fiċ-ċirkostanzi tal-każ dan huwa fatt ta' bla ebda importanza. L-inħawi indikati min jindikhom bħala Pembroke u min bħala Saint Andrew's. Żgur li l-*

*indikazzjoni tal-post ma toħloq ebda dubju dwar fejn sar l-inċident. Dan mhux il-każ fejn il-każ huwa allegat li seħħ l-Imqabba iżda fil-fatt ikun seħħ Birkirkara.'*

L-artikolu 360 (2) tal-Kap 9 jiddeskrivi x'għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni:

*'Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u* ***ta' lok*** *li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.'*

Iċ-ċitazzjoni odjerna fiha minn dawn l-ingrendjenti kollha. Għal din ir-raġuni dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

*6.* Fit-tieni aggravju, l-appellant jgħid li l-affidavits tal-pulizija ma humiex kredibbli tant illi huma *cut and paste*. Anke hawn, l-aggravju huwa wiehed fierah ghall-ahhar. L-appellant kellu kull opportunita' li jitlob li x-xhieda jittellghu jixhdu in kontro-ezami izda ghazel li ma jaghmilx dan u ma jistax' issa jistenna li l-kritika tieghu twassal ghal rovexxjament tas-sentenza tal-ewwel Qorti bazat fuq dan l-argument;

7. Fit-tielet gravam, l-appellant jillanja l-piena erogata bl-argument illi din kienet wahda eccessiva "*tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz*". Il-Qorti ma tistax tifhem x'inhuma dawn ic-cirkostanzi kollha li jimmeritaw mitigazzjoni fil-piena. L-appellant spara fuq u laqat ghasafar tal-bejt. Agir tali huwa projbit mil-ligi u ma hemm ebda cirkostanza li ghandha timmilita favur sostituzzjoni tad-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Wara kollox, il-piena kominata hija fil-parametri

tal-Liġi u vicin il-minimu. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

8. Maghmula dawn il-kunsiderazzjonijiet u ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.